RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 13**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu` iltaqa` nhar**
**It-Tlieta 6 ta' Settembru 2011 fis-6.30 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku | 7.05 p.m. |
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Chairperson | |
| Is-Sur Anthony Grixti Soler | Vici-Chairperson | |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru | |
| Is-Sna. Cecilia Bonello | Membru | |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Agent Segretarju Ezekuttiv | |

**Skuzata:**

Is-Sna Etienne Stephania Gatt — Membru

Il-laqgha bdiet fis-6.45 p.m.

1.00 **Qari u Korrezzjoni tal-Minuti A12**

1.01 Is-Sur Lino Pace Bonello gibed l-attenzjoni li hemm numru ripetut, nru 3.03. Ghaldaqstant saret korrezzjoni tan-numri taht punt numru 3. — Qari u Korrezzjoni tal-Minuti A12

1.02 Ic-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti tas-seduta numru A 12 tal-Kumitat Aministrattiv ta' tal-Virtu' jittieħdu bħala moqrija. Is-Sur Chris Farrugia issekonda din il-proposta.

2.00 **Approvazzjoni tal-Minuti A12**

2.01 Ic-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti jigu approvati. Issekonda din il-proposta s-Sur Chris Farrugia. — Approvazzjoni tal-Minuti A12



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

3.00 **Punti li johorgu mil-Minuti A12**

3.01 Ma kienx hemm punti mqajjma — Punti Mqajma

4.00 **Azzjoni dwar il-Progett tad-Dahla**

4.01 Is-Sur Lino Pace Bonello ndirizza lis-Sindku Sandro Craus u talbu jinforma l-laqgha jekk irceviex risposta minghand ic-Chairman tal-MEPA dwar kif ser nipprocedu fuq dan l-izvilupp. — Azzjoni dwar il-Progett tad-Dahla

4.02 Is-Sindku Sandro Craus qal li hu talab lic-Chairman tal-MEPA jiggwidana dwar kif ghandna nipprocedu fuq dan il-progett, izda s'issa konna ghadna ma rcevejna l-ebda risposta. Hu heggeg lis-Sur Pace Bonello jiktiblu hu wkoll bhala Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu u jikkopja lis-Sindku, lill-Agent Segretarju Ezekuttiv u lill-membri tal-kumitat fil-korrispondenza tieghu. Is-Sindku kompla billi qal li il-progetti li jaqghu taht l-iskemi ghandu jahdem fuqhom ic-Chairperson flimkien ma' l-Agent Segretarju Ezekuttiv u mhux noqghodu nistennew li jikteb is-Sindku fuq kull haga. L-importanti li jikkuppjah f'kull korrispondenza li johrog halli dejjem izommu infurmat b'dak kollu li jkun ghaddej.

4.03 L-Agent Segretarju Ezekuttiv, Orietta Masini Cardona nfurmat il-laqgha li l-applikazzjoni li bghattna lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex jinqalghu l-arbli tad-dawl li jinsabu fuq il-bankina ta' Triq il-Buskett regghat giet lura peress li trid tkun iffirmata mic-Chairperson Lino Pace Bonello, kif ukoll talbuna fotokopja tal-karta ta' l-identita` tieghu.

5.00 **Xoghol iehor konness mal-hajt li ttella fi Triq Godwin Ganado**

5.01 Is-Sur Lino Pace Bonello informa l-laqgha li ircevejna talba minn sid ghalqa fi Triq il-Buskett kantuniera ma' Triq Godwin Ganado sabiex naghmlulu zewg rampi peress li qed isib diffikulta biex jaccessa l-ghalqa tieghu. Minn informazzjoni li ghandu, sid l-ghalqa juza n-naha tax-xatba biss u ghaldaqstant, nistghu naghmlu rampa fuq din in-naha biss. — Xoghol iehor konness mal-hajt li ttella fi Triq Godwin Ganado

Hu kompla billi qal li peress li kien ghaddej ix-xoghol fuq il-hajt fi Triq Godwin Ganado mill-haddiema tal-gvern, il-Kumitat Amministrattiv ghandu jiccekkja jekk il-hajt huwiex ser jitkompla mill-haddiema tal-gvern stess. Bhalissa tezisti filata

wahda biss bejn il-blat u l-hajt ta' dan l-individwu u ghalhekk ic-Chairperson Pace Bonello ssuggerixxa li biex ikun hemm kontinwita mal-hajt tal-gvern li jispicca mill-blat, il-Kumitat Amministrattiv ghandu jzid filata jew tnejn ohra skond il-bzonn, filwaqt li r-rampa ssir in-naha ta' fejn ix-xatba.

5.02 Is-Sur Christopher Farrugia qal li bhalissa hemm ftuh fil-kantuniera biss u ghaldaqstant jaqbel mas-Sur Pace Bonello li sabiex ikun hemm kontinwita mal-hajt tal-gvern u jitnaqqas l-'eye sore', ir-rampa ghandna ssir max-xatba tal-kantuniera. Il-Kumitat qabel.

5.03 Is-Sur Lino Pace Bonello rrimarka dwar ~~konke~~ konok ta' ~~sigra~~ sigar li tinsab fi Triq Godwin Ganado li mhux qeghda sew u allura ssuggerixxa li biex inkomplu nsebbhu din l-akwata, ghandu jitnehha l-ilqugh tal-konka sabiex tigi aktar pulita. Huwa ssuggerixxa li dan ghandu jsir ghal konok kollha f'din it-triq. Il-Kumitat qabel.

**6.00 Progett ta' tisbih tal-belvedere quddiem is-Seminarju**

6.01 Is-Sur Lino Pace Bonello ippropona li l-Kumitat Amministrattiv ghandu jqabbad perit sabiex jigu zviluppati l-idejat taghna biex il-belvedere tal-Virtu jigi estiz lejn il-palazz tal-virtu, u ~~ciee~~ kif ukoll johrog il-barra fuq il-pilastri. Dan ghandna naghmluh sabiex hekk kif tohrog applikazzjoni tal-Unjoni Ewropeja li nkunu nikkwalifikaw biex napplikaw ghaliha, jkollna l-progett f'idejna biex napplikaw sabiex inkunu bic-cans li niehdu xi fondi mill-Unjoni Ewropeja biex dan l-izvilupp ikun jista jsehh.

Progett ta' tisbih tal-belvedere quddiem is-Seminarju

6.02 L-Agent Segretarju Ezekuttiv qalet li lesta li titkellem ma' l-ufficjali tal-MEUSAC sabiex tara jekk hemmx xi applikazzjoni li nkunu nistghu napplikaw ghaliha 'l quddiem. Pero qabel iridu jitkellmu aktar fuq dan l-izvilupp hi u s-Sur Pace Bonello sabiex tigi zviluppata din l-idea.

6.03 Is-Sur Christopher Farrugia qal li l-Kumitat Amministrattiv ghandu jikkunsidra wkoll li japplika ghall-fondi ta' l-Unjoni Ewropeja sabiex jigi rrestawrat il-Palazz ta' l-Isqof li jinsab f'Wied l-Isqof li kien inbena fis-sena 700. Dan il-palazz jinsab mitluq kompletament u qed jaqa` bicciet. Huwa qal li hemm att notarili li jghid li dan il-Palazz m'huwa ta' hadd.

6.04 Is-Sindku Sandro Craus qabel mal-proposta tas-Sur Pace Bonello u ppropona li

wara li l-Kumitat Amministrattiv jkollu l-pjan f'idejh, ghandu jaghmel appuntament mal-Ministru George Pullicino u heggeg lill-membri tal-Kumitat Amministrattiv imorru flimkien bhala delegazzjoni. Hu kompla billi qal li jekk jixtiequ, huwa lest li jmur maghhom. Fl-email li ghandha tintbghat meta nitolbu ghall-appuntament ghandha ssir enfazi li dan hu l-isbah belveder li ghandna Malta u jinsab mitluq. Din l-email ghandha tigi kkuppjata lill-Prim Ministru. Il-Kumitat qabel.

7.00 **L-ommissjoni ta' hidmet il-Kumitat Amministrattiv fir-rivista 'Ir-Rabta'**

7.01 Is-Sindku Sandro Craus informa l-laqgha li waqt laqgha tal-Kumitat Amministrattiv kien infurmahom li kienet ser tithalla pagna shiha lill-Kumitat Amministrattivi, pagna lill-KA tal-Virtu u pagna ohra lill-KA tal-Bahrija. Huwa fl-ebda hin ma hallihom barra intenzjonalment. Fil-Kunsill ghandna hafna xoghol u huwa mpossibbli li wiehed joqghod jigri wara kulhadd. Huma setghu kitbu artiklu kull wiehed u baghtuh bl-email lill-editur tar-rivista. Filfatt anke il-Kumitat Aministrattiv tal-Bahrija thalla barra ghax ma bghatu xejn. Ic-Chairperson tal-KA tal-Bahrija, kiteb fil-kapacita` tieghu ta' Kunsillier taht il-pagna ddedikata lill-Kunsilliera u mhux fil-pagna tal-KA tal-Bahrija. Hu jemmen fil-'freedom of speech' u jhalli lil membri kollha jiktbu li jridu. Pero jinsab imwegga` dwar diskors dispreggjattiv li ntqal fil-konfront tieghu bejn ic-Chairperson tal-KA tal-Virtu u bejn il-President tar-Regjun tat-Tramuntana waqt l-attivita` ta' Jum ir-Rabat. Hu heggeg lil kulhadd jattendi ghall-attivitajiet tal-Kunsill. Fid-diskors tieghu huwa tkellem dwar l-importanza li ghandha tinzamm l-ghaqda bejn kulhadd. Hu ghandu fiducja shiha fic-Chairperson u fil-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu` u fuq il-progett tad-dahla tal-virtu jibqa jahdem sakemm isir. Hu personali ma qabilx li ssir il-bankina minn fejn issuggerixxa il-Kumitat, pero hu mexa ma dak li ddecieda l-Kumitat. Kompla billi wieghed lill-membri li lilu kienu se jsibuh jappoggahom f'kollox. M'hemmx preferenzi bejn il-Kumitat Amministrattiv tal-Bahrija u tal-Virtu`, ghax hu qatt ma jdahhal politika fin-nofs.

L-ommissjoni ta' hidmet il-Kumitat Amministrattiv fir-rivista 'Ir-Rabta'

7.02 Is-Sur Lino Pace Bonello qal li meta tkellem mieghu l-President tar-Regun f'Jum ir-Rabat, tkellmu l-aktar fuq il-progett tad-dahla tal-virtu fejn urih il-preokkupazzjoni tieghu peress li qeghdin fit-tarf li nitilfuhom izda fl-ebda hin ma tkellem b'mod dispreggjattiv lejn is-Sindku. Jekk kien hemm xi diskors, ma kienx minn naha tieghu.

Is-Sindku ma qabilx ma dan u qal li issa li sar sar u l-istorja hi maghluqa.

7.03 Is-Sna. Cecilia Bonello filwaqt li kkonfermat li vera li kien infurmahom is-Sindku li kienet ser tithalla pagna ghalihom fir-rivista, pero ma kienux jafu li setghu jiktbu l-artiklu qabel ma jigu avvicinati mill-Kunsill.

7.04 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-bord tar-rivista huwa maghmul minnu u minn tliet voluntiera. Huwa qal li jekk hemm xi membri mill-KA tal-Virtu li jixtiequ li jiffurmaw parti minn dan il-bord, ghandhom javvicinawh u hu minn naha tieghu lest li jaccetahom.

7.05 Is-Sur Christopher Farrugia qal li jrid ikun hemm certu koordinament ma' l-editur. Ghaldaqstant, meta jkun wasal iz-zmien ghar-rapport, inkellmu lil-editur.

7.06 Is-Sna. Cecilia Bonello issuggeriet li s-Sur Christopher Farrugia ghandu jibda jikteb dwar ix-xoghol li sar s'issa, x'qed nistennew min-nies tal-virtu u kif ukoll dwar l-emblema.

**8.00 Affarijiet Ohra**

8.01 Is-Sur Christopher Farrugia tkellem dwar il-preokupazzjoni tieghu li l-*buses* ta' l-Arriva qed jidhlu gewwa tal-Virtu`. Fil-laqghat preliminari li kienu saru, kienu weghduna li kienu ser jidhlu b'vetturi zghar u mhux b'vetturi kbar. Huwa ssuggerixxa li jekk se jibqghu jidhlu dawn bil-vetturi l-kbar, hemm bzonn li jsiru d-double yellow lines fil-kantunieri.

*Trasport Pubbliku*

8.02 Il-Profs. Grixti Soler qabel ma dak li qal is-Sur Farrugia u kompla billi qal li qed jigi ssugrat li jsir incident kbir peress li t-toroq tal-Virtu` ma' jifilhux ghal dawn il-vetturi kbar.

8.03 Is-Sna. Cecilia Bonello qalet li l-problema hija li biddlu r-rotot u li setghu qasmu r-rotot b'vetturi zghar..

8.04 Is-Sur Christopher Farrugia qal li rcieva ilment dwar l-'Cabinet & Hollow Plinth' tal-Go mobile li tpoggiet ftit tax-xhur ilu go Triq Carlo Fiamingo k/m Triq Francesco Azopardi. Huwa qal li din tista tghatti il-vista lis-sewwieqa.
Is-Sur Lino Pace Bonello qal li hemmhekk hemm 'stop sign' u allura m'hemmx lok li tinqala.

*'Cabinet & Hollow Plinth' tal-Go Plc fi Triq C Fiamingo k/m Triq F Azopardi*

8.05 Is-Sur Lino Pace Bonello qal li regghu gibdulna l-attenzjoni li x-'shooting range' regghat bdiet topera u regghu qed jisparaw. Il-Mepa kienu wahhlu 'enforcement notice' izda s-sid qalaha minn mal-hajt. 'Shooting Range'

Is-Sindku Sandro Craus ssugerixxa li s-Sur Pace Bonello ghandu jiccekja fuq dan il-kaz u jzomm il-kumitat infurmat. Il-Kumitat qabel.

8.06 Il-Profs. Grixti Soler irrimarka li x-xatba fi Triq Godwin Ganado regghet twahhlet. Ghaldaqstant huwa talab lill-Agent Segretarju Ezekuttiv biex terga tinforma lill-MEPA. Hu jixtieq ukoll li dan il-passagg jitnaddaf. Xatba illegali fi Triq Godwin Ganado

L-Agent Segretarju Ezekuttiv, filwaqt li qablet mal-Profs. Grixti Soler li din ix-xatba ghandha terga tinqala, infurmatu li m'hemmx bizzejjed fondi biex dan il-passagg jitnaddaf ghalissa.

Is-Sur Lino Pace Bonello qal li mil-fondi li ghandna rridu naghmlu l-prijoritajiet.

## 9.00 Aggornament

9.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tlieta 4 ta' Ottubru 2011 fis-6.30 p.m. Aggornament

9.02 Il-laqgha ntemmet fit-8.10 p.m.

**Lino Pace Bonello**
**Chairperson**

**Orietta Masini Cardona**
**Agent Segretarju Eżekuttiv**